MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2007

Numru 26/2005

Il-Pulizija
(Sp Trevor Sammut)
vs
Mark Grech, iben James, imwieled Pieta' fit-8 ta' novembru, 1987

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat –
talli fit-18 ta' ġunju, 2004 għal ħabta tal-11.30 p.m. fin-Naxxar, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' ikkawża offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Stefan Riviera skond ma ċċertifika Dr. John Grech Hardie MD.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti ma tirrizulta ebda prova li biha tista’ tiġi addebitata xi responsabilita’ kriminali da parti ta’ l-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------